**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**Vs**

**Leonard Emmanuel Bernard Tony Elvis Seysun**

**Illum, 15 ta' Frar 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra:

> **"Leonard Emmanuel Bernard Tony Elvis,** detentur tal-karta ta' l-identita 454385(M),
>
> U nakkuzah talli nhar fil-lejl ta' bejn it-12 u it-13 ta' Frar, 2019, gewwa l-fond 1, Kikkra, Triqill-Labour, Zejtun , u/jew fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin:

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'periklu car, Ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Alex Junior Mamo hekk kif iccertifika Dr Justine De Gray (numru ta' registrazzjoni medika 3966)

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni a favur ta' **Alex Junior Mamo** ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabli Qorti jidhrilha xierqa."

Semghet l-imputat jikkonferma l-htija tieghu;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat Leonard Emmanuel Bernard Tony Elvis Seysun rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 214, 215, 221(1) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, wara li kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, ic-cirkustanzi partikolari li taw lok ghal dan il-kaz, il-fatt li l-imputat agixxa biex jipprotegi minuri iehor, u n-natura u gravita' tal-akkuzi migjuba kontra tieghu tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien sentejn mil-lum.

Tohrog ukoll Ordni ta' Protezzjoni a favur ta' **Alex Junior Mamo** ghal zmien sitt xhur mil-lum ai termini ta' l-Artikolu 412C tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-import u konsegwenzi ta' din is-sentenza u x'jigri f'kaz li ma jottemporax ruhu ma' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur